MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2008

Numru 741/2003

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Dorothy Ben Hamed Sciberras ta’ 24 sena bint John u Maria Dolores nee’ Sciberras, mwielda nhar is-17 ta’ Novembru 1978 Attard u residenti ‘Bliss’ Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar, detentriċi ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 545978M.

1. Akkużata talli f’dawn il-gżejjer nhar it-30 ta’ Ġunju 2003 għall-ħabta tal-23.00hrs ġewwa ‘parking area’ tal-Corinthia Hotel, kkaġunat ħsara ta’ natura volontarja fuq karozza tal-marka Fiat, ta’ l-għamla Stilo, bin-numru tar-reġistrazzjoni JES 312 għad-dannu ta’ Rowanna Pisani minn Ta’ Sliema, għall-ammont ta’ iktar minn LM50 iżda inqas minn LM500 ai termini tas-subinċiż (b) ta’ l-Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġewwa San Ġiljan, volontarjament kissret il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku b’għajjat u ġlied u dan bi ksur tas-

subinċiż (dd) ta’ l-Artikolu 338 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġewwa San Ġiljan ħebbet kontra l-persuna ta’ Wagdi Ben Hamed sabiex tagħmillu ħsara u ddejqu ai termini tas-subinċiż (d) tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 339 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġewwa San Ġiljan kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes u b’għajjat ai termini tas-subinċiż (m) ta’ l-Artikolu 338 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġewwa San Ġiljan qalet kliem oxen jew indiċenti fil-konfront tal-persuna ta’ Wagdi Ben Hamed ai termini tas-subinċiż (bb) ta’ l-Artikolu 338 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta

6. Kif wkoll talli għamlet inġurji jew theddid li anke jekk ipprovokat, ħareġ ‘l barra mil-limiti tal-provokazzjoni ai termini tas-subinċiż (e) tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 339 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ l-imputata li jġib in-numru 5459 tas-sena 1978; il-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji; il-fedina penali ta’ l-imputata a fol 5; l-interrogatorju ta’ l-imputata li fih hija qablet illi dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 32 -30 ta’ Jannar 2006).

**Xhieda tal-prosekuzzjoni**

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament b’mod partikolari dik ta’ l-ispettur Martin Sammut.

Skond ix-xhieda ta’ l-ispettur Martin Sammut (fol 28), fid-29 ta’ Lulju 2003 għall-ħabta tat-3.00pm, ġewwa l-għassa tal-pulizija ta’ San Ġwann, saret stqarrija illi kienet ttieħdet mill-ispettur Robert Gregory. L-imputata għażlet li tirrispondi diversi domandi iżda ma ffirmatx l-istqarrija. Minn din l-istqarrija jirriżulta illi fit-30 ta’ Ġunju 2003 l-imputata kellha xi tgħid mar-ragel tagħha meta kienet ġewwa l-car park. Huwa kien qalilha biex tidħol fil-karozza tiegħu u beda jirrabja. Beda jiġbilha xagħrha u hi

talbitu l-karti ta’ l-accountant u l-karti tat-taxxa. Hu beda jimbuttaha u hi imbuttatu wkoll u mingħandu qalgħet daqqa ta’ sieq, kif wkoll daqqa ta’ ħarta fuq widnejha. Dak il-ħin ċemplet lill-pulizija u lill-ġenituri tagħha. Hija nnegat li kienet sabbtet fuq il-vettura tar-raġel. Dwar l-għafsa li kien hemm fuq il-ġenb tal-vettura, hija qalet li taħseb li kienet hemm hekk diga’ għax hu kien wrihielha wara li weġġgħet. Hu kien qalilha li ser jgħid li weġġgħet widnejha għax tat daqqa fuq il-karozza b’rasha. Dwar min kien sid il-karozza l-imputata qalet li mingħaliha kienet tar-ragel tagħha għax hi kienet tellfitu LM450 u ta’ dan kellha t-transfer mill-kont tagħha tal-bank. Dwar l-insolenzi lejn ir-ragel tagħha, hija qalet li ma jidrilhiex li nsolentatu u kull ma kienet qaltlu li kienet ta’ rasha iebsa. Dwar l-inċident, ir-raġel kien qalilha li jiddispjaċieh talli kien għamillha u kien ser jinnega kollox mal-pulizija. Mistoqsija taħfirx lir-ragel hija wieġbet li kienet diffiċli. Hija nnegat li għamlet xi ħsara fuq il-karozza.

Meta tela’ jixhed Wagdi Ben Hamed, huwa għazel li ma jixhidx fil-konfront tal-mara tiegħu.

Il-pulizija tellgħu xhud oħra, certu Rowanna Pisani illi qalet illi kienet taf lill-imputata u għarfitha fl-awla. Hi qalet li l-ħabib tagħha kien Wagdi Ben Hamed u kien ċempillha u qallha li l-imputata laqtet il-karozza (fol 35).

Mistoqsija mill-Qorti jekk hi kinitx rat xi ħaġa, din ix-xhud qalet li ma kienet rat xejn. Dwar l-ispejjeż kienu jammontaw għal madwar LM97 u li ta dan ma kinitx tħallset.

Il-karozza kienet sewwietha u anke kienet biegħitha. Hija kienet ħallset kemm tellar kif wkoll xi mechanic (fol 36) iżda ma kellha ebda riċevuta. Ix-xhud qalet illi hi kellha stima ta’ Lm97 pero missierha kien ħa l-karozza u kienet ssewwiet band’oħra. In-numru tal-karozza kien JES 312 (fol 37). Fil-kontro eżami hija qalet illi hi kienet rat id-daqqa fuq il-karozza u staqsietu minn fejn kienet saret Wagdi Ben Hamed kien qalilha illi kien kellu xi jgħid mal-mara u kienet saret daqqa fuq il-karozza (fol 37).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Wagdi Ben Hamed kien għazel li ma jixhidx (fol 21) waqt li l-unika xhud illi tellgħet il-prosekuzzjoni ma kinitx fuq il-post u dak li xehdet kien bicca minnu hearsay u l-Qorti ma tistax tikkonsidrah ai termini ta' l-Artikolu 598 tal-Kap 12 li huwa applikabbli wkoll għall-Kap 9.

Mill-istqarrija ta' l-imputata jirriżulta li hija ċaħdet li kienet għamlet il-ħsara hi u ċaħdet ukoll li kienet b'xi mod jew ieħor qalet xi kliem li ma jixraqx fil-konfront tar-raġel tagħha jew għamlet xi theddid.

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 325(b), 338(dd), 339(1)(a), 338(m), 338(bb) u 339(1)(e) tal-Kap 9 minħabba nuqqas ta' provi, qed tillibera lill-imputata minn kull imputazzjoni dedotta kontrieha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------